

DIRETTIVA 2007/24/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-23 ta' Mejju 2007

li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 71/304/KEE dwar it-tneħħija ta' restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-provvista tas-servizzi dwar kuntratti tax-xogħlijiet pubbliċi lill-kuntratturi li jaġixxu permezz ta' aġenziji jew ferġhat

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 47(2) u l-Artikoli 55 u 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Fil-Komunikazzjoni tagħha lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-aġġornament u s-simplifikazzjoni ta' l-*acquis communautaire*, il-Kummissjoni ħabbret, inter alia, l-intenzjoni tagħha li tipproċedi billi tagħmel studju ta' l-*acquis* sabiex tistabbilixxi jekk dan setax jiġi ssimplifikat, per eżempju permezz tat-tħassir ta' atti li jkunu saru obsoleti.
- (2) Bħala riżultat ta' l-adozzjoni ta' diversi atti ta' natura leġiżlattiva fil-qasam ta' l-akkwist pubbliku, l-aktar reċenti fosthom id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/17/KE tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwist ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi ta' l-ilma, ta' l-enerġija, tat-trasport u tal-posta ⁽²⁾, u d-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar il-koordinazzjoni ta' proċeduri għall-ġhoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi,

kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi ⁽³⁾, kif ukoll fid-dawl ta' l-iżviluppi fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari d-deċiżjoni tagħha tal-25 ta' Lulju 1991 fil-kawża C-76/90 Säger ⁽⁴⁾, sar possibbli li jintlaħaq livell ta' protezzjoni ugwali jew superjuri għal dak provdut taħt id-Direttiva 71/304/KEE ⁽⁵⁾.

- (3) Għall-finijiet tas-simplifikazzjoni ta' l-*acquis communautaire*, filwaqt li ma jiġux preġudikati d-drittijiet ta' l-operaturi ekonomiċi, id-Direttiva 71/304/KEE għandha għalhekk tiġi mħassra,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 71/304 KEE hija b'dan imħassra.

Artikolu 2

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 23 ta' Mejju 2007.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

H.-G. PÖTTERING

Għall-Kunsill

Il-President

G. GLOSER

⁽¹⁾ Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Frar 2007 (għadha mhijiex publikata fil-*Ġurnal Uffiċjali*) u Deċiżjoni tal-Kunsill ta' tas-16 ta' April 2007.

⁽²⁾ ĠU L 134, 30.4.2004, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kunsill 2006/97/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 107).

⁽³⁾ ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2006/97/KE.

⁽⁴⁾ ECR [1991] I-4221.

⁽⁵⁾ ĠU L 185, 16.8.1971, p. 1.